**142. Il-Ministru għall-Politika Soċjali, l-Onor. Lawrence Gonzi ppropona:-**

Wara li l-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ra l-Estimi ta' l-Awditur Ġenerali għas-snin 1998 - 2000 flimkien mad-dikjarazzjoni ta’ l-Awditur għas-sena 1998;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Awditur Ġenerali personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħat ta' l-istess Kumitat li saru fis-26 ta’ Lulju, 1999 u fil-31 ta' Mejju, 2000;

Wara li t-traskrizzjoni ta’ dawn il-laqgħat ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Peress li l-Kumitat dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika b’mod unanimu rrakkomanda li l-estimi għandhom jiġu approvati kif imressqa;

Il-Kamra tad-Deputati għalhekk tapprova dawn l-estimi kif imressqa u kif approvati mill-Kumitat dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

01.06.2000